MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru. 264/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA’**

**KONTRA**

**TREVOR BARBARA ta’ 37 sena, iben Emanuel u Carmen nee’ Mallia, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-25 ta’ Frar, 1975, residenti fil-fond numru 25, Blanzuni, Triq il-Kahwiela, Santa Lucija, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 105375M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Trevor Barbara** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’hanut bl-isem ta’ Super Phone li jinsab f’St Thomas Street, Fgura, fl-10 ta’ Marzu, 2005 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki, jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe' accessorji ta' telefon cellulari tad-ditta Nokia u tad-ditta Nike (dan bi ksur tal-Artikoli 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri, jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak u dan bi ksur tal-Artikolu 72(1) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens ezebit.

Rat li inizzjalment fl-interrogatorju, l-imputat wiegeb illi kien hati, pero aktar tard irtira l-istess ammissjoni minnu registrata.

Ikkunsidrat:

L-Ispettur Kevin Borg ipprezenta kwerela f'isem Nokia Corporation in kwantu accessorji ta' l-istess ditta allegatament foloz, Dok KB folio 28. Prezenta wkoll kopja ta' relazzjoni mibghuta minn Nokia Corporation dwar l-oggetti maqbuda minghand l-imputat li skond dan ir-rapport jirrizulta li dawn huma counterfeits (Dok KB 2 folio 30).

Semghet ix-xhieda ta' PC 344 Christopher Vella dwar it-tfittxija li saret fil-hanut Super Phone ghal xi affarijiet Nokia foloz. Ghalhekk ikkonferma l-oggetti maqbuda kif jidhru fis-seizure note, Dok KB1 folio 29.

Gew anke ezebiti estratti mit-Trademark Register (folio 60 – 97)

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, xehed minn jeddu l-imputat. Qal, u ta' dan ezebixxa varji dokumenti (folio 140 – 190), illi huwa kien ilu sitt snin jimporta l-oggetti mertu ta' din il-kontestazzjoni, minn Dubai. Sar jaf illi kienu llegali biss meta mar l-hanut tieghu l-Ispettur. Xehed illi hu kien jimporta l-istess, idahhal l-istess mill-Ajruport, ghalih xoghol regolari. Spjega li hu minn Dubai kien jixtri minn hwienet kbar, semma ditta wahda li kienet tbiegh affarijiet tad-ditta Samsung, Nokia, Ericsson, "Linkbits". Ghalih kien jixtri oggetti "authorised by Samsung", u kien jircievi ricevuta ta' Nokia jew Samsung skond il-kaz. Spjega li ghalih l-oggetti li kien jixtri wara kien ikollhom il-code number, is-serial number, il-label tan-Nokia jew Samsung skond il-kaz, cioe' wahda kwadra qisha tal-fidda.
Biex jimporta l-istess, spjega li dawn kienu jghaddu bhal oggetti ohra mid-Dwana normali. Spjega li kienu anke jigu skennjati mid-Dwana u li ghal dan il-process gieli assistew il-pulizija.

Jinghad ukoll illi fil-kontro ezami saret referenza ghal dak li l-imputat qal fl-istqarrija tieghu, li pero hija wahda mehuda fis-sena 2005.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok tibda din il-Qorti biex ghal kollox tiskarta l-opinjoni ezebita bhala Dok KB2 in kwantu l-istess qatt ma giet konfermata quddiem din il-Qorti, anzi giet prezentata biss bhala fotokopja ta’ rapport.

Fit-tieni lok, ir-reati addebitati lil Barbara jinhtiegu bhala element kostituttiv taghhom ix-xjenza tal-falsita’, falsita’ ntiza biex tqarraq. Din ix-xjenza da parti ta’ l-imputat ma gietx certament pruvata, aktar u aktar meta hu kien qieghed jithalla jimporta l-istess oggetti tramite d-Dwana.

Ghaldaqstant, qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------